# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 122/2015**

Il-Pulizija

vs

**Victor Fenech**

iben Paul, imwieled Pieta', fis-6 ta' Awwissu, 1971, detentur tal-karta tal-identita' numru 362871(M)

Illum 30 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Victor Fenech quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar is-26 ta' Marzu, 2012 għall-ħabta tas-1.00 ta' wara nofsinhar, fi Triq Ċensu Tabone, Ħamrun:

1. Ikkommetta serq ta' handbag minn ġewwa l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI 068 għad-detriment ta' Josephine Said detentriċi tal-karta tal-identita' 457860M liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. U aktar talli fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, f'dawn il-Ġzejjer xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwista b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex tbiegħhom jew imexxihom.

U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 (g), 271 (g) u 281 (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li rat l-addebitu tar-reċidiva tal-imputat u l-fedina penali xejn feliċi tiegħu, sabet lill-imputat Victor Fenech ħati tal-ewwel akkuża u kkundannatu piena ta' priġunerija għal disa' (9) xhur filwaqt li lliberatu mit-tieni (2) akkuża stante li hija alternattiva għal dik tal-ewwel.

Rat ir-rikors tal-appellanti Victor Fenech minnu ppreżentat fis-16 ta' Marzu, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza fuq indikati tad-9 ta' Marzu, 2015 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura billi tikkonferma li mhux ħati tat-tieni u tielet akkuża, filwaqt li tirrevoka l-ħtija tal-ewwel akkuża u tilliberaħ minnha u fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma tat opportunita li l-appellant ikollu difiża effettiva stante illi kien hemm diversi drabi li l-kawża tiegżu saret mingżajr ma kien assistit.

Illi għar-rigward il-piena l-ewwelnett ma kienx hemm prova ta' reċediva għalkemm kien hemm referenza fis-sentenza għall-fedina penali. M'huwiex ċar jekk instab ħati tat-tielet akkuża. Barra

minhekk kull ma nsteraq huwa għaxar Euros u b'hekk kellu jinstab ħati taħt l-Artikolu 284 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti ma tatux opportunita' tajba li jkollu difiża tajba, li ma kienx hemm prova tar-reċidiva u li peress li l-ammont li nsteraq kien żgħir kellu jinstab ħati taħt l-artikolu 284 tal-Kap 9.

1 ) **L-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jikkonċerna l-fatt li kien hemm diversi drabi fejn l-appellant ma kellux difiża effettiva stante lli kien hemm diversi drabi fejn ma kienx debitament assistit mill-avukat tiegħu.**

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa kull verbal li sar quddiem l-ewwel Qorti u r-riżultat huwa li kien hemm disa' (9) verbali minn għaxra (10) fejn kien assistit mill-avukat tiegħu Dr Anthony Cutajar bħala avukat tal-għajuna legali. Fis-seduta fejn ma kienx assistit mill-avukat tiegħu ma kien xehed ħadd u l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

2) **It-tieni aggravju huwa dwar il-prova tar-reċidiva**

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Zahra mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar 2003 (Appell Numru 272/2002), intqal:

*"Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn eżami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva." ( Vide anke Pulizija vs Anthony Sammut 9.06.2004, Pulizija vs Paul Abela 10.09.2004 u Pulizija vs Jason James Agius 5.11.2001 – kollha Appelli Kriminali)*

Il-prova tar-reċidiva f'dan il-każ tinsab a folio 25-27 tal-proċess, li hija kopja uffiċjali tas-sentenza li ngħatat fil-konfronti tal-appellant fid-19 t'Ottubru, 2007 fejn kien weħel tmintax–il xahar priġunierija u multa. M'hemm ebda dubju li huwa hu stante li l-karta tal-identita' fis-sentenza u dik tal-akkuża jaqblu perfettament.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

3) **Piena**

Għalkemm ma kellux l-aggravanti tal-ammont għax l-ammont kien ftit 'il fuq minn għaxar Ewro, hemm l-aggravanti tal-post skont l-Artikolu 271 (g) tal- Kap 9:

*Meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura.*

Minħabba dan l-aggravanti, skont l-artikolu 281 (a) tal-kap 9 il-minimu li seta' jeħel kienu minn seba' xhur sa massimu ta' sentejn priġunerija.

Għaldaqstant din il-Qorti tirrileva li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hi waħda fil-parametri pero' peress li l-ammont misruq kien minimu ħa jkun hemm varjazzjoni fil-piena.

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn sabet l-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva u lliberatu mit-tieni imputazzjoni għax kienet biss alternattiva għall-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Dwar il-piena tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tikkundanna lill-appellant għal piena ta' seba' (7) xhur prigunerija.